MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 86/2003

**Avviz Numru 86/03 AJD**
**Pierre Spiteri ezercenti l-kummerc bl-isem Autopoint**

**vs**

**Martin Zarb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u sitt liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm206.34) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merci mibjugha u debitament konsenjata mill-attur lill-konvenut. Il-konvenut wieghed kemm il-darba li ser ihallas bin-nifs izda baqa’ ma hallasx xejn.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-Rissposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub m'huwiex dovut u dan peress li l-konvenut kien fadallu zewg kontijiet biss xi jhallas u cioe' dak relattiv fil-hlas tas-somma ta' Lm47.000 rigwardanti 'clutch kit' u l-ammont ta' Lm10.90 rapprezentanti hlas dovut ghall 'gas kit'.
3. Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Sema' x-xhieda ta' Martin Zarb, Dr. Antonio Tufigno, Pierre Spiteri, Andrew Grima u Jesmond Abela. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.
Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-ecezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 liema artikolu jipprovdi s-segwenti:-
***"L-azzjonijiet hawn ta]t imsemmija jaqg]u bi preskrizzjoni bl-eg]luq ta' tmintax-il xahar:***
***(a) l-azzjonijiet tal-]ajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, artigjani u ta' persuni ohra li jagdmu sengha jew arti mekkanika,ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xog]lijiet taghhom, jew***
***tal-materjal li jfornu;"***

Il-konvenut isostni li l-merkanzija in kwistjoni nxtrat minnu fl-1999 u li huwa fil-frattemp qatt ma gie nterpellat permezz ta'' att gudizzjarju sabiex ihallas l-ammont mitlub izda huwa jghid ukoll li qatt ma hallas ghal din il-merkanzija.

Mill-provi prodotti u senjatament mixx-xhieda tal-attur u dawk ta’ Jesmond Abela u Andrew Grima, kif ukoll mid-dokumenti esebiti a fol. 18 et seq. u a fol. 42 et seq., jirrizulta inekwivokabilment li l-perijodu ta‘ preskrizjzoni applikabbli huwa dak stabbilit fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, u cioe’ dik ta’ hames snin, stante li l-konvenut kellu kont korrrenti mal-attur, kien klijent regolari, kien jixtri l-merkanzija sabiex jerga’ jbiegh l-istess lill-klijenti teighu u ghalhekk il-bejgh kien isir lilu bl-ingrossa u mhux bl-imnut.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenut effetwa l-ahhar pagament akkont fl-1999 u l-merkanzija in kwistjoni nxtrat f’din l-istess sena u ghallhekk isegwi li t-talba attrici m’hijex preskritta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevat amill-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh tal-provi fuq il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------